A CIVIL SOCIETY MOVEMENT

**STQARRIJA TA' REPUBBLIKA [PR 61/2020]**

Jum ġdid, skandlu ġdid.

Il-Prim Ministru huwa obbligat li jwaqqaf il-kuntratt ta' persuna ta' fiduċja mogħti lil-ex-Kummissarju tal-Pulizija Lawrence Cutajar wara l-iskandlu ppublikat mis-Sunday Times dalgħodu.

Repubblika tinnota li dan ir-*recording* kien mikxuf mill-Europol. Filwaqt li aħna nqisu li l-Maltin huma kapaċi jinvestigaw, aħna nemmnu li l-Korp tal-Pulizija tant gie mnawwar minn Jospeh Muscat u sħabu lil llum mhux f'qagħda li jinvestiga l-ħmieġ kbir li qed ngħumu fih.

Ninnutaw li f'intervista publikata mill-LovinMalta, Pulizija ddikajaraw li waqt l-eqqel tal-krizi politika f'Diċembru li għadda, l-Aġent Kummissarju Charles Magri ħeġġeġ lill-Pulizja biex iżommu sod mal-Partit Laburista, il-partit li hu tant iħobb

Għalhekk insostnu li l-Gvern Malti u l-Avukat Ġenerali għandhom jilqgħu t-talba għall-investigazzjoni konġunta bejn il-Pulizija Maltija u l-Europol dwar il-qtil ta' Daphne Caruana Galizia u l-korruzzjoni marbuta magħha.

Hemm bżonn li Dr Robert Abela jifhem li huwa Prim Ministru tal-Maltin kollha, qabel ma huwa Kap tal-Partit Laburista jew difensur ta' Joseph Muscat u sħabu l-korrotti.

Hemm bżonn li Dr Robert Abela jaffaċċja l-istrutturi korrotti u mnawra li bena Joseph Muscat u sħabu l-korrotti.

Jekk se jibqa' għaddej daqs li kieku ma ġara xejn, Dr Robert Abela se jsir kompliċi fil-korruzzjoni u l-ħmieġ li sawru Joseph Muscat u sħabu l-korrotti.

**7.6.2020**

55, Triq Melita, il-Belt Valletta, VLT 1120
repubblika.mt@gmail.com